MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 1253/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**
**V**

**ANNALISE AGIUS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputata **ANNALISE AGIUS** ta' tlieta w ghoxrin sena, bint Anthony u Miriam nee Borg, imwielda Pieta nhar d-dsatax ta' Mejju 1985 u toqghod 27, Sur San Nikola, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita numru 302685M giet mressqa quddiemha nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, akkuzata talli nhar t-tmienja ta’ Dicembru 2008, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar, fil-Belt Valletta, b'diversi atti maghmula minnha u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista

jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqot pattijiet, dispozizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Graziella Fenech ghad-dannu tal-istess Graziella Fenech u persuni ohra;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex ġegħlet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' Graziella Fenech u persuni ohra;

5. Talli fl-istess zmien, laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

6. Talli fis-sitta ta' Dicembru 2008, fil-Hamrun, sabet *cheque book* tal-Bank of Valletta, li kien naqas jew intilef minn Darren Borg u Graziella Fenech u m'gharrfitx bihom lil Pulizija Ezekuttiva fi zmien tlett ijiem;

7. Talli fis-sittax ta’ Dicembru 2008, naqset li thares xi kundizzjoni mposta fuqha meta hija nhelset kif provdut fl-artikolu 355 AL (3);

**8.** Talli rrendiet ruħha recidiva b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera nhar l-wiehed u tletin t’Ottubru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar t-tmienja ta’ Dicembru 2008, stqarrija ohra rilaxxjata mill-imputata nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, l-okkorrenzi relattivi, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputata kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputata u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din l-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terġa lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena u cioe l-ammissjoni bikrija tal-imputata sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti u l-ko-operazzjoni shiha tal-imputata mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz

tant li bl-ghajnuna tal-istess imputata r-res furtiva giet ritrovata u b'hekk s-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

Illi pero minn naħa l-oħra, din il-Qorti rat li l-imputata kkommettiet reat waqt l-operat ta' sentenza sospiza w ghalhekk l-imputata ma taghtix fiducja lil din il-Qorti w ghalhekk din il-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva fil-konfront tal-imputata odjerna.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 49, 50, 167, 183, 170(2), 180, 334, 355AL tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputata ANNALISE AGIUS hatja tal-akkuzi kollha kif minnha ammessi u tiddecidi li tikkundannaha ghal perjodu ta' sena (1) prigunerija effettiva u tordna li s-sentenza sospiza moghtija nhar l-wiehed u tletin t'Ottubru 2008 fil-konfront taghha tigi reza operativa b'dan li l-imputata ghandha taghmel perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija effettivi.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lild-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti kull assistenza lil hatja sabiex jghinha teghleb l-problemi li ghandha dwar droga.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-proceduriment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------